**MFIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 5 ta' Frar 2025

**Il-Pulizija**
**vs**
**Daniel Paul Zammit**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0457082M)

**Il-Qorti,**

Rat li Daniel Paul Zammit ta' tnejn u erbgħin (42) sena bin John Żammit u Catherine Żammit nee' Farruġia, mwieled nhar il-11 t'Awwissu tas-sena 1982 ġewwa l-Pieta', residenti ġewwa fond numru 59, Triq Vinc. Dimech, Żurrieq u detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 0457082M, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli nhar it-Tlieta 04 ta' Frar 2025 għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30hrs) u/jew fix-xhur, ġimgħat, ġranet u/jew ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-gżejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaġuna lill-**martu Georġina Rose Żammit li tiġi omm iż-żewġt uliedu minuri** fastidju għal aktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-**martu Ġeorġina Rose Żammit** kif wkoll l-imġieba ta' Daniel Paul Żammit ammontat għal segwiment tal-**martu Ġeorġina Rose Żammit** u fejn id-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament u dan bi ksur tal-***Artikoli 251A(1)(a)(b), 251AA(1)(a)(b)(2)(3)(4), 251H(a)(b) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***.

2. U aktar talli fl-istess perjodu msemmi iżjed 'il fuq kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur tal-***Artiklu 141 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Il-Qorti ġiet mitluba, sabiex f'każ ta' ħtija minbarra l-pieni stabbiliti mill-Liġi, toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Daniel Paul Zammit għal benefiċċju ta Georgina Rose Zammit u l-familjari tagħha, u dan ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll sabiex tapplika l-artikoli 382A, u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq toħroġ ordni ta' trattament u dan ai termini ta' artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet finalment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' periti u esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, filwaqt li l-Prosekuzzjoni eżebiet il-fedina penali tal-imputat, flimkien ma kopja taċ-ċertifikat tat-twelid ta' Daniel Paul Zammit, talbet li dan il-każ jiġi pproċessat skont il-liġi.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi, l-imputat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-akkużi fi stadju bikri, kif ukoll li hu kkopera mal-Pulizija.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi wara li rat Artikoli 251A(1)(a)(b), 251AA(1)(a)(b)(2)(3)(4), 251H(a)(b), 251HA u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Daniel Paul Zammit, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0457082M, ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil konfront tiegħu, in kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkustanzi meħtieġa u msemmija fl-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-ħati jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation.

Għalhekk il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħati Daniel Paul Zammit, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0457082M taħt Ordni ta' Probation għal perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, b'dan li

għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess Melvin Debono jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole. Din l-Ordni ta' Probation hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza, u spjegatlu li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' din l-Ordni u ma dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-Ordni ta' Probation, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, kif ukoll il-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati iddikjara li jaqbel ma' tali Ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation bid-digriet tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jiġi assenjat Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti ulterjorment tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għal protezzjoni ta' Georgina Rose Zammit liema ordni tkun għal perjodu ta' sentejn (2) skont il-kondizzjonijiet msemmija fid-digriet ta' din il-Qorti tal-lum stess u li jifforma parti integrali ma din is-sentenza.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-corpus delicti, ossia tal-esebit immarkat bħala Dok KA15, bl-esklużjoni tal-Faraday Bag li fihom ġie esebit l-imsemmi Dok KA15, appena jiskadi t-terminu mogħti mil-Liġi għall appell, u jekk ikun hemm appell wara li l-imsemmi appell jiġi konkluż finalment, u dana taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali. L-ħati jkun responsabbli għal ħlas tal-ispejjes ta' tali distruzzjoni skont it-taxxa uffiċjali maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Il-Qorti tawtorizza lill-Uffiċjal Prosekutur jirtira l-imsemmija Faraday Bag li fihom ġie esebit Dok KA15 in segwitu għad-distruzzjoni ordnata minn din il-Qorti.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikoli 412Ċ u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress li qed tipprovdi għas-sigurta tal-parti leża abbażi tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ma tqisx il-ħtieġa li toħroġ ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana peress li l-ħati se jirċievi l-għajnuna meħtieġa bis-saħħa tal-Ordni ta' Probation maħruġa permezz ta' din is-sentenza.

Il-Qorti finalment tordna l-komunika ta' din is-sentenza u ordnijiet maħruġa llum u li jifformaw parti minnha lill-Kummissarju tal-Pulizija, lid-Direttur fi ħdan id-Direttorat tal-Probation u Parole, u lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali. Tordna ukoll in-notifika tal-Ordni ta' Trażżin lill-parti leża.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta stante li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi periti jew esperti f’dawn il-proċeduri jew f’inkjesti relatati ma’ din il-proċedura.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------